# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Ottubru 1999**

**Numru**

**Citaz. numru 108/96 JF**

**S MIFSUD & Sons Limited**
**vs**
**PLANOR Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta’ attrici li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Premess illi l-konvenut ghamel uzu ta’ servizzi tal-attur u inkarigah igiblu container numru LMCU 029441/9 mill-Italja liema container wasal Malta fuq il-valur Gallini fid-29 ta’ Jannar 1995, u dan il-container kien kopert bil-polza tal-karigu numru 8/9, u ghal-liema servizz l-attur nomine ghandu jithallas is-somma ta’ Lm386.42 li ghalkemm mitlub ihallas diversi drabi il-konvenut baqa’ inadempjenti.

U premess illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u fl-opinjoni tal-attur nomine l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti u ghalhekk il-kawza tista' tinqata' ai termini tal-artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe' bid-dispens tas-smiegh tal-kawza.

TALBET li din il-Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi il-kaz ai termini tal-artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe' bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, u

2. tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm386.42 dovuta bhal kumpens ghas-servizzi moghtija mill-attur nomine lill-konvenut fuq inkarigu tieghu meta garr il-container fuq indikat – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali ta' 8% mid-29 ta' Jannar 1995 meta wasal il-container in kwistjoni sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-presenti kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Planor Limited fejn eccepiet;

1. Illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut, stante illi s-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta kienu waslu fi ftehim illi l-ammont in kwistjoni ma kienx dovut u s-socjeta' attrici kienet harget "Credit Note" ghall-istess ammont favur l-eccipjenti (Ara Dokumenti PL1 u PL2);

2. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

3. Salvi eccezzjonijet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u rat u ezaminat l-affidavits li gew ipprezentati u semghet ukoll ix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Qabel xejn tirrileva li kwantu ghall-ewwel talba biex din il-kawza tinstema' bil-procedura sommarja, l-istess talba giet sorpassata bil-fatt li s-socjeta' konvenuta damet zmien mhux hazin biex tigi notifikata bl-att tac-citazzjoni u l-Qorti ordnat ghalhekk li l-kawza timxi bhala wahda normali.

Illi fil-meritu tassew jirrizulta li s-socjeta' attrici ghamlet xoghol b'inkariku tas-socjeta' konvenuta konsistenti fil-garr ta' "container" lejn Malta ghal liema servizz kien hemm dovuta s-somma ta' Lm386.42c. Irrizulta wkoll li s-socjeta' konvenuta ghamlet ilment mas-socjeta' attrici li din il-merkanzija, konsistenti f'partita ta' madum, twasslet Malta tardivament u li per konsegwenza hija tilfet il-bejgh jew l-ordni relativi ghaliha. Is-socjeta' attrici allura tghid u kkonfermat bil-gurament tad-direttur u accountant taghha fil-persuni ta' Adrian Mifsud u Bernard Sultana - li bi spirtu ta' rapporti kummercjali tajbin huma kkreditaw lis-socjeta' konvenuta versu l-ammont ta' Lm382.42c li hija kienet

originarjament inkorriet b'dana pero' li ssir taghha s-socjeta' konvenuta kellha:

1. jew tibghatilha l-madum de quo, jew inkellha

2. jekk issib il-bejgh tal-madum de quo thallashom l-ammont dovut.

Ghadda z-zmien, is-socjeta' attrici xehdet li hija interpellat darba darbtejn tramite "faxes" lis-socjeta' attrici biex tonora l-parti tal-ftehim kif jittrapella mill-minuti – ara fol 41 Dok AM, pero' fl-ahhar mill-ahhar is-socjeta' konvenuta la baghtitilhom il-merkanzija, la hallsithom talli zammitha ghandha u l-anqas irrispondithom aktar. Veru li din il-minuta a fol 41 m'hijiex iffirmatha pero' fil-fehma tal-Qorti, x-xhieda dwarha kif moghtija miz-zewg xhieda fuq imsemmija prodotta mis-socjeta' attrici hija elokwenti bizzejjed u tidher ukoll attendibbli. Is-socjeta' konvenuta pproduciet biss lil Andrew Camilleri in konferma tal-"credit note" pero' dan ma elabora xejn aktar. Fil-fehma tal-Qorti, fuq bazi ta' probabbilita' it-tezi u l-pretensjoni attrici tidher sufficjentement ipprovata. Dan ifisser li t-talba attrici fil-meritu tirrizulta fondata.

Ghal kull buon fini jigi rilevat li fis-seduta tat-13 ta' Novembru 1998, id-difensur tas-socjeta' konvenuta gharraf lill-Qorti li s-socjeta' konvenuta marret fi proceduri ta' likwidazzjoni u li Emanuel Farrugia kien l-istralcjarju attwali inkarigat (ara fol 42). Dan maghdud pero' la naha u l-anqas ohra ma hadet xi passi ulterjuri jew talbet formalment ghal xi tibdil fl-okkju jew ghal xi provvediment opportun.

Ghal dawn ir-ragunijiet :

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici fil-meritu kif dedotta u ghall-ammont mitlub u kwindi qedghda tikkundanna lis-socjeta' konvenuta biex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm386.42, kif mitlub, bl-interessi kif mitlub sal-hlas effettiv. Il-kap ta' l-ispejjez jithallas ukoll mis-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur

AH.